**QORTI TAL-APPELL**

**(Sede Inferjuri)**

**GHAWDEX**

**Onorevoli Mhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Appell numru: 1/2020**

**Wara sentenza tal-Bord ta' l-Appell Dwar il-Licenzjar**

**Datata 6 ta' Ottubru, 2020**

**Illum, l-Erbgha, 10 ta' Marzu, 2021**

**Mary Cassar 58457(G), Ronald Cassar 41685(G), Edmond Cassar 29382(G), Antonella Cassar l7285(G), Angela Vella 6 l 857(G), Wenzu Cassar 59657(G), Josephine Cutajar 44296(G), Georgina Cutajar 56258(G), John Hili 139573(G), Joseph Hili 1263(G), Saviour Attard 21064(G), Grace Cassar 9155(G), Victoria Marta Pace 20387(G),Tania Portelli 23677(G), Joe Portelli 13671(G), Zachary Cassar 26665(G), John Paul Cassar 4889(G), Johnnie Cassar 13976(G), Joseph Grech 7957(G), Miriam Grech 4057(G), Franklin Grech 61755(G) u George Farrugia 58655(G)**

**Vs**

**Il-Kunsill Lokali ta' Victoria Ghawdex**

**Il-Qorti;**

1. Illi permezz tar-rikors tal-appell odjern il-Kunsil Lokali ta' Victoria, Ghawdex intimat appella minn sentenza tal-Bord ta' l-Appelli Dwar il-Licenzjar tas-6 ta' Ottubru, 2020 li permezz taghha l-Bord ddecieda kif isegwi:

'Il-Bord ghalhekk, filwaqt illi jiċħad il-preġudizzjali tat-tardivita' ta' l-appell odjern, qieghed jilqa' limitatament it-tieni u l-ħames aggravji ta' l-appellanti fis-sens illi jirriforma d-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali appellata billi jordna illi, fil-ġranet meta jopera l-monti biss, iz-zona ndikata ghall-monti ta' bejn il-Knisja ta' Savina u Triq Mons Luigi Vella għandha tiġi estiża u tinkludi dik il-parti l-oħra tal-pjazza u ċioe sa vicin il-pompa tal-petrol, pero' bl-eskluzjoni ta' Triq Adrian Dingli, u bl-esklużjoni wkoll ta' żona zgħira biex vetturi minn Triq Adrian Dingli ikollhom aċċess għall-pompa tal-petrol. Jordna wkoll illi fil-ġranet meta jarma l-monti, għalkemm it-traffiku ta' Triq Adrian Dingli m'għandux jiġi affettwat ma jitħalliex jgħaddi traffiku minn Triq Mons Luigi Vella lejn Triq Adrian Dingli tramite Pjazza Savina.'

2. Illi l-Bord wasal ghad-decizjoni tieghu kif isegwi:

'Ra l-appell ta' l-appellanti tas-7 ta' Settembru 2017 fejn tressqu s-segwenti aggravji:

1. L-appellanti għandhom il-liċenzja ta' "fixed hawkers" u għal bosta snin kienu jarmaw u jbiegħu mill-Monti illi kien jintrema fi Pjazza Indipendenza, magħrufa bħala t-Tokk fir-Rabat, Għawdex. L-appellat Kunsill Lokali ddeċieda illi jittrasferixxi l-Monti mit-Tokk ghall-Pjazza Savina, liema trasferiment sar mingħajr 1-ebda konsultazzjoni mal-appellanti bejjiegħa tal-Monti kif kienet tesiġi l-leġislazzjoni viġenti sa Dicembru 2016 u kif il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Negozju

Zgħir ippratika fir-rigward tat-Monti tal-Bett fejn saħansitra ġiet offruta somma biex iċedu l-permess tal-posti tagħhom minħabba nuqqas ta' spazju għall-bejjiegħa kollha tal-Monti tal-Belt.

Illi dan it-trasferiment mit-Tokk għall-Pjazza Savina ġie sanat bil-promulgazzjoni da parti tal-Ministru tal-Ekonomija, Investiment u Negozju Zgħir tal-Avviż Legali 420 tal-2016 kif sussegwentement emendat bl-Avviz Legali 177 tal-2017 illum magħrufa bħala S.L. 441.07.

Illi l-allokazzjoni tal-posti in kwistjoni saret mingħajr ebda konsultazzjoni mal-appellanti jew bejjiegħa oħra tal-Monti. L-appellanti huma aggravati minħabba 1-fatt illi 1-posti allokati m'humiex prattikabbli għax m'hux biss m'humiex ugwali ghal dawk li kien hemm fit-Tokk imma huma ukoll mingħajr passaġġ adekwat bejniethom b'mod u manjiera illi 1-appellanti ser ikunu ferm imxekklin fl-eżerċizzju tan-negozju tagħhom.

2. Illi fit-tieni lok, l-allokazzjoni ta' dawn il-posti l-anqas ma ħadietx in konsiderazzjoni t-traffiku tal-madwar illi żgur ser ifixkel 1-eżerċizzju tan-negozju tal-protestanti illi ma jistgħux jarmaw bil-mod propost. Dana peress illi 1-Kunsill Lokali qed jikser ukoll regolament 5(13) ta' L.S. 441.04 għax qed jippermetti illi jibqa' għaddej it-traffiku minn Pjazza Savina waqt il-ħinijiet tal-Monti. Illi tali traffiku għandu jiġi pprojbit waqt il-ħin tal-Monti skont il-liġi. Illi 1-anqas ittieħdet in konsiderazzjoni tal-pompa tal-petrol illi tista' topera mill-istess pjazza.

3. Illi l-Kunsill Lokali appellat qiegħed ukoll jikser regolament 5(2)(a) meta naqas illi "jara li fit-triq fejn jintrama suq fil-berah isiru sinjali li juru l-ispazji għall-ipparkeġġjar tal-vetturi tal-bejjiegħa" u li "jiehu ħsieb li biswit kull spazju jkun hemm spazju biżżejjed ta' mhux aktar minn 2.5m b'6m biex jintrama t-tilar mal-vettura". Huwa minnu illi dawn il-qisien ma japplikawx għas-suq in kwistjoni imma l-obbligu illi jigi pprovdut spazju għall-ipparkeggjar tal-vetturi tal-bejjiegħa ħdejn l-ispazji allokati sabiex jintrama t-tilar tal-appellanti huwa kjarament viġenti. Il-Kunsill Lokali appellat l-anqas indenja jipprova jottempora ruħu ma' dan ir-rekwiżit ċar tal-liġi.

4. Illi fir-raba′ lok, in-numerazzjoni tal-posti assenjati saret b'mod arbitrarju għall-aħħar u bla ebda loġika ta' xejn u possibilment, bil-ħsieb illi jiffavorixxu lil ċertu bejjiegħa tal-Monti li ma jinkludux lill-appellanti

u dan kif ser jiġi dettaljatament ippruvat fil-kors tas-smiegħ ta' dan l-appell.

5. llli fil-ħames lok, il-mod kif saret l-allokazzjoni tal-posti ma tippermettiex illi l-appellanti jarmaw tinda sabiex jilqgħu għall-elementi tan-natura u dan ovvjament ser joħloq preġudizzju serju lill-appellanti. Illi mingħajr tali tinda, l-appellanti m'hux biss ser isofru mix-xemx u x-xita imma l-prodotti tagħhorn ser isofru wkoll ħsara kbira ukoll. Illi tali tinda hija ferm meħtieġa peress illi Pjazza Savina ma toffri l-ebda lqugħ mix-xemx u x-xita kif hu l-każ tat-Tokk minħabba s-siġar illi fiha.

6. Illi barra minn dan kollu, ġo ċertu posti tal-bejjiegħa jitpoġġew pedestali maġġuri kemm tal-festa ta' San Gorg u iktar pedestali u ġigifogu fil-festa ta' Santa Marija illi jibdew jintremgħu minn nofs Ġunju u jibqgħu fil-post imwaħħlin sa wara Santa Marija kif fil-fatt qegħdin preżenti llum. Illi għaldaqstant sabiex l-appellanti jkunu jistgħu jeżerċitaw in-negozju tagħhom, jeħtieġ illi l-Kunsill Lokali appellat jassigura lill-appellanti illi dawn il-prattiċi tal-festi tar-Rabat ma jissoktawx dment illi l-Monti jkun fi Pjazza Savina imma s'issa tali assigurazjoni ma ngħatatx. Illi galadarba l-posti tagħhom jittieħdu mill-armar tal-festi, 1-appellanti affetwati m'hux ser ikunu jistgħu jarmaw fl-aħjar żmien tas-sena u ser isofru danni akbar mill-appellanti l-oħra.

Illi l-appellanti talbu lill-Bord jirrevoka l-allokazzjoni tal-posti lill-bejjiegħa tal-Monti tal-belt Victoria magħmula fit-22 ta' Awwissu 2017, bl-ispejjeż u bir-riserva ta' kull azzjoni ulterjuri għal-likwidazzjoni ta' danni illi l-appellanti sofrew u ser isofru bid-deċiżjoni appellata.

Illi permezz ta' risposta datata 6 ta' Frar 2018 id-direttur appellat issottometta s-segwenti:

Kif se jiġi spjegat, dawn l-aggravvji huma kollha nġustifikati u għandhom jiġu respinti minn dan il-Bord.

1. L-Ewwel Aggravju

Fl-ewwel aggravju tagħhom, il-bejjiegħa sostnew li huma qed iħossuhom aggravati mit-trasferiment tal-monti mit-Tokk ghall-Pjazza Savina għaliex dan sar mingħajr konsultazzjoni mal-appellanti kif kienet tesiġi l-leġislazzjoni viġenti sa Diċembru 2016.

Huwa sottomess pero' illi dan it-transferiment ma sarx mill-esponenti iżda sar bis-sahha ta' liġi ai termini tal-Avviż Legali 420 tal-2016 kif sussegwentement emendat bl-Avviz legali 177 tal-2017, li llum hi magħrufa bħala Leġislazzjoni Sussidjarja numru 441.07. Din il-liġi ma ġietx promulgata mill-esponenti iżda ġiet promulgata mill-Ministru għall-Ekonomija, lnvestimenti u Negozju Zgħir.

llli wieħed jifhem li l-liġi hija sovrana, u sew jekk togħġobhom u sew jekk le, l-appellanti u l-esponenti huma tenuti li josservaw il-liġi bħalma hu tenut li jagħmel kwalunkwe ċittadin.

Huwa fid-dover tal-Kunsill li jmexxi l-lokalita' li taqa' taħt idejh skont il-liġi. Għaldaqstant ġialadarba ħargu dawn ir-Regolamenti, sar l-obbligu tal-Kunsill li jmexxi l-lokalita' b'mod li s-suq f'Victoria jiġi armat fi Pjazza Santa Sabina u mhux x'imkien ieħor.

Bil-liġi huwa ġie jdejh marbutin b'mod li ma jistax jagħmel mod iehor. Kien inutli l-Kunsill jikkonsulta mal-bejjiegħa dwar din id-deċiżjoni, u dan għaliex huwa kien marbut bil-liġi li kienet tobbligah jagħmel dan it-trasferiment.

Fl-ewwel aggravju tagħhom l-appellanti sostnew wkoll illi l-posti allokati m'humiex prattikabbli ghax mhux biss m'humiex ugwali għal dawk li kien hemm fit-Tokk imma huma wkoll mingħajr passaġġ adekwat bejniethom b'mod u manjiera illi l-appellanti se jkunu ferm imxekklin fl-eżerċizzju tan-negozju tagħhom.

llli f'dan ir-rigward qed issir referenza għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali tar-Rabat tal-25 ta' Novembru 2016, f'liema laqgħa tressqet pjanta tal-Perit rigward it-tpoġġija tal-kaxxi tal-monti. Fil-minuti gie miktub li:

"ls-Sindku tenna Ii l-Kunsill irid jassigura Ii l-kaxxi jsiru bħal kif inhuma fil-prezent u jibqgħu l-passaggi eżistenti u jkun hemm l-aċċess kollu neċessarju għat-toroq. Il-marki għandhom isiru ċari u b'mod permanenti li jkunu mwaħħla ma' l-art . .... Il-Perit għandu jiġi nfurmat sabiex jara fejn

għandhom eżatt jitpoġġew il-marki tal-kaxxi u jekk ikun hemm il-bżonn anke' jitpoġġew bollards." (Enfazi mizjuda)

In vista tal-premess, x'ħin il-Kunsill għamel il-preparamenti neċessarji biex il-monti jiġi armat fi Pjazza Savina, huwa ddeċieda li l-posti u l-passaġġi fi Pjazza Savina jsiru kif kienu fi Pjazza t-Tokk, u mhux differenti minn hekk.

llli l-Leġislazzjoni Sussidjarja numru 441.04, ma tipprovdix għall-qisien fir-rigward tal-posti fi Pjazza Savina u lanqas ghall-passaġġi. Għaldaqstant, il-Kunsill esponenti ma kienx obbligat li jagħmel il-posti l-ġodda fi Pjazza Savina kif kienu fi Pjazza t-Tokk, għalkemm kif ġia' intqal, l-esponenti ddecidew Ii jagħmlu dan, sa fejn dan huwa prattikabbli.

llli l-passaġġi fi Pjazza Savina ukoll saru biex jirriflettu dawk li kien hemm fi Pjazzait-Tokk u l-mod kif ċertu bejjiegħa tal-monti, billi kienu aħwa, sħab, jew membri tal-istess familja, kienu jaqdu l-posti tagħhom u jarmaw flimkien.

Ghaldaqstant, l-appellanti mhux se jkunu imxekklin fl-eżerċizzju tan-negozju tagħhom.

Konsegwentament, dan l-aggravju tal-appellanti għandu jiġi respint.

2. lt-Tieni Aggravju

Fit-tieni aggravju tagħhom, l-appellanti sostnew illi l-allokazzjoni ta' dawn il-posti lanqas ħadet in konsiderazzjoni t-traffiku tal-madwar, illi zgur se jfixkel l-eżerċizzju tan-negozju tal-appellanti illi ma jistgħux jarmaw bil-mod propost.

Huma allegew ukoll illi l-Kunsill esponenti qed jikser ir-regolament 5 (13) ta' L.S.441.04 għaliex qed jippermetti illi jibqa' ghaddej it-traffiku minn Pjazza Savina waqt il-ħinijiet tal-Monti.

(13) Dawk it-toroq Ii fihom jintrama l-monti kif provdut fir-regolamenti msemmija għandhom ikun magħluqin għat-traffiku fil-ħinijiet u l-ġranet tal-monti.

llli huwa sottomess pero' li l-Kunsill esponenti gab l-awtoriżazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti sabiex it-traffiku li se jkun gej minn Triq Mons.

Luigi Vella jgħaddi minn quddiem il-pompa tal-petrol, fejn mhux se jkun hemm posti tal-monti. Bi prova ta' dan, qed tiġi annessa l-ittra mibgħuta mir-rappreżentat ta' Transport Malta bhala dok X, li magħha hemm annessa l-pjanta ta' kif se jkun mmaniġjat it-traffiku.

llli inoltre fi Pjazza Savina ġia' saru diversi sinjali li jinfurmaw lill-pubbliku li ma huwiex permess li jsir ipparkjar fl-istess pjazza waqt il-ħinijiet tal-monti.

llli l-imsemmija sistema ta' kif jgħaddi t-traffiku se tidħol fis-seħħ, meta l-bejjiegħa tal-monti li għandhom il-posta tagħhom fil-parti affettwata jerġgħu jibdew jarmaw.

Ghalhekk żgur li bis-sistema ta' traffiku, mhux qed jinkiser r-regolament 5(13) ta' L.S.441.04.

lnolte, l-appellanti allegaw fit-tieni aggravju tagħhom, illi lanqas ttieħdet in konsiderazzjoni tal-pompa tal-petrol illi tista' topera mill-istess pjazza.

llli f'dan ir-rigward jrid jingħad illi l-imsemmija pompa m'għadhiex tintuża u allura mhux qed jinholoq preġudizzju. Fi kwalunkwe kaz, faċċatta tal-pompa tal-petrol ma hemm l-ebda posta tal-bejjiegħa tal-monti.

Għaldaqstant, anke dan it-tieni aggravju għandu jiġi respint.

3. lt-Tielet Aggravju

Fit-tielet aggravju, l-appellanti sostnew illi l-esponenti qed jiksru r-regolament 5(2)(a) għaliex ma ġiex pprovdut spazju għall-ipparkeġġjar tal-vetturi tal-bejjiegħa ħdejn l-ispazji allokati sabiex jintrama t-tilar, skont rekwiżit ċar tal-liġi.

Iii dan ir-regolament 5(2) (a) ta' L.S.441.04 jipprovdi li:

"(2) (a) II-Kunsill Lokali għandu jara li fit-triq fejn jintrama suq fil-beraħ isiru sinjali li juru l-ispazji għall-ipparkeġġjar tal-vetturi tal-bejjiegħa.

Dawn l-ispazji għandhom ikunu ta' 2.Sm b'6m u jkollhom numru ta' identifikazzjani li jkun jindika l-posta tal-bejjiegħ, b'dan iżda li meta jpinġi s-sinjali, il-Kunsill Lakali għandu jieħu ħsieb li biswit kull spazju jkun

hemm spazju biżżejjed ta' mhux aktar minn 2.Sm b'6m biex jintrama t-tilar mal-vettura:

Iżda dawn il-qisien ma japplikawx għas-suq fil-beraħ li jinsab Marsaxlokk u li jintrama matul il-ġimgħa kif ukoll is-suq tal-Belt, Valletta, li jinsab f'San Ġakbu u s-suq ta' Pjazza Santa Sabina, Victoria, f'Għawdex." (Enfazi mizjuda)

llli madanakallu, kif stqarrew l-appellanti stess u kif tgħid ċarament l-istess regola, il-qisien ma japplikawx għas-suq ta' Pjazza Santa Sabina, magħrufa ukall bħala Pjazza Savina, tar-Rabat, Għawdex.

Għaldaqstant, f'dan l-artikalu ma sarx provvediment ta' kemm kellu jitħalla wisa' fir-rigward tas-suq ta' Pjazza Savina, kif sar, b'mod partikolari għas-suq fil-beraħ li jinsab fi Triq l-Ordinanza, il-Belt Valletta.

llli inoltre, minn dan l-artikolu joħroġ ċar li meta hija tagħmel riferenza għall-vetturi tal-bejjiegħa u t-tilar, il-liġi tirreferi għal dawk il-bejjiegħa, illi flok jagħzlu li fil-posta tagħhom jagħmlu mejda jew tilar biss, huwa jagħżlu Ii jbiegħu l-prodotti tagħhom minn ġol-vettura tagħhom u tilar.

llli fil-fatt l-artikalu 2 ta' L.S.441.04 jipprovdi dwar xi tfisser il-kelma posta f'dik il-liġi:

"posta" tfisser kull vettura, kampartament, bank, bard, trolley, mejda, jew tilar, jew għaqda tagħhom, mqiegħda f'suq fil-beraħ għall-bejgħ ta' oġġetti.

llli għalkemm wieħed jista' jpoġġi l-affarijiet fil-posta allokata lilu, dan ma jfissirx li bejjiegħ se jkun jista' jpoġġi kollox. llli l-bejjiegħa ta' suq fil-beraħ iridu jirrispetaw l-ispazju allokata lill-posta tagħhom, u għalhekk ma huwiex dejjem possibbli li wieħed jipparkja ukoll vettura fil-posta.

llli fil-fatt anka l-artikalu 5 (d) ta' L.S.441.04 jipprovdi li:

(9) Il-bejjiegħa tal-monti -

(d) għandhom jipparkjaw il-vettura tagħhom, jekk ikun il-każ, fl-ispazju tal-posta allokata;

Għaldaqstant l-esponenti ma jistgħux jifhmu kif l-appellanti ssottomettew illi l-esponenti "lanqas indenja jipprova jottempora ruhu ma' dan ir-rekwiżit ċar tal-liġi".

Illi għaldaqstant huwa sottomess li l-Kunsill esponenti, mexa mal-Liġi meta ra li fejn jintrema s-suq isiru sinjali tal-posti li kienu se jiġu allokati lill-bejjiegħa tal-monti. Illi 1-esponenti, mhux jimponi l-mod ta' kif wieħed jarma l-posta tiegħu u dwar jekk il-bejjiegħa jixtiequx jużaw l-ispazju tagħhom biex jipparkjaw vettura, sakemm jiġu rrispettati l-ispazji allokati.

Għaldaqstant, anke dan it-tielet aggravju għandu jiġi respint.

4. Ir-Raba' Aggravju

Fir-raba' aggravju tagħhom, l-appellanti sostnew ukoll illi n-numerazzjoni tal-posti assenjati saret b'mod arbitrarju għall-aħħar u bla ebda loġika ta' xejn u possibilment, bil-ħsieb illi jiffavorixxu lil ċertu bejjiegħa tal-Monti li ma jinkludux lill-appellanti.

Illi din l-allegazzjoni hija opposta għall-aħħar.

Illi kif intqal qabel, u ġie kwotat mill-minuti, meta kienu qed jiġu deċiżi d-dettalji mill-Kunsill esponenti dwar kif il-monti kellu jiġi re-allokat fi Pjazza Savina, il-Kunsill ddeċieda li safejn kien possibbli, kemm il-posti u l-passaġġi kellhom jsiru kif kienu fi Pjazza t-Tokk. Ittieħed in konsiderazzjoni  l-mod kif il-bejjiegħa kienu jarmaw flimkien, li reġgħu jsiru l-passaġġi kif kienu fi Pjazza it-Tokk biex ma jifridx bejjiegħa li eżempju kienu membri tal-istess familja li kienu jarmaw flimkien, kif ġie spjegat aktar 'il fuq.

Illi l-esponenti pruvaw illi kemm jista' jkun jżommu l-istess pożizzjoni illi bejjiegħa kellhom meta kienu Pjazza t-Tokk, u nżammu  l-istess numri li kellhom qabel.

Għaldaqstant, anke dan ir-raba' aggravju għandu jiġi respint.

5. Il-Hames Aggravju

Fil-ħames aggravju tal-appellanti, ġie sostnut illi l-mod kif saret l-allokazzjoni tal-posti ma tippermettix illi l-appellanti jarmaw tinda sabiex jilqgħu għall-elementi tan-natura u sostnew illi dan se joħloq preġudizzju serju lill-appellanti.

Dwar dan huwa sottomess pero' li l-pjanta ppreparata mill-Perit tal-Kunsill, il-Perit Edward Scerri, li turi kif għandhom jsiru l-posti tal-

bejjiegħa tal-monti tal-Pjazza Santa Savina ġiet iddizinjata a bażi tal-pjanta tal-permess li kien hemm fit-Tokk/Pjazza lndipendenza.

llli kemm il-pjanta preżenti u kemm il-pjanta tal-permess li kien hemm fit-Tokk/Pjazza Indipendenza ma jagħmlux provvediment għat-tined u lanqas hemm limitazzjoni għat-tined. Għalhekk il-pjanta preżenti żgur li mhux qed toħloq xi preġudizzju fil-konfront tal-protestanti.

Ghaldaqstant, anke dan il-ħames aggravju għandu jiġi respint.

6. ls-Sitt Aggravju

Fis-sitt aggravju tal-appellanti, ġie sostnut illi ġo ċertu posti tal-bejjiegħa jitpoġġew pedestali maġġuri kemm tal-festa ta' San Gorg u iktar pedestali u ġigifogu fil-festa ta' Santa Marija. Ġie allegat ukoll li dawn jintremgħu minn nofs Ġunju u jibqgħu fil-post imwaħħlin sa wara Santa Marija.

llli fl-ewwel lok, huwa kkontestat li l-imsemmija pedestali u ġigifogu jintremgħu minn nofs Ġunju u jibqgħu wara Santa Marija. llli l-ġigifogu jibda jiġi armat mill-ġurnata ta' qabel ma jinħaraq, għaliex meta jiġi armat, huwa jiġi espost għall-elementi tan-natura, u f'każ li tagħmel ix-xita, ħafna rih jew nida, dan tiġrilu ħsara kbira. Illi rigward il-pedestali tal-festi, huwa wkoll ikkontestat li dawn idumu l-perjodu li qed jingħad armati.

llli fi kwalunkwe każ, huwa sottomess li meta l-appellanti kienu jarmaw fit-Tokk/Pjazza Indipendenza huma ġia' ma kienux ikunu jistgħu jeżerċitaw in-negozju tagħhom minħabba numru akbar ta' attivitajiet li kienu jsiru f'din il-Pjazza, fosthom minħabba attivitajiet tal-Milied, tal-Ewwel tas-Sena, Karnival, komemmorazzjonijiet tal-Festi Nazzjonli, kunċerti u anka minħabba prattiċi tal-festi tar-raħal, fejn fost l-oħrajn jiġu armati pedestali u 1-palk tal-banda kemm fil-Festa ta' Santa Marija u anka ta' San Ġorġ. Għaldaqstant żgur li mhux qed jinħoloq xi preġudizzju fil-konfront tal-appellanti f'dan is-sens - anzi minn dan il-lat, il-posizzjoni tagħhom qed tiġi miljorata.

llli mingħajr preġudizzju għall-premess għandu jiġi nnutat ukoll li fiż-żminijiet tal-festi, il-pjazzez u t-toroq kollha jiġu armati għall-festa, b'koloni, pedestali u arbli fost l-oħrajn. Għaldaqstant il-bejjiegħa tal-monti kienu se jkunu affetwati fin-negozju tagħhom minħabba l-festi f'kull post fil-beraħ li seta' jintagħżel mill-Ministru għall-Ekonomija, lnvestiment u Negozju Zgħir sabiex jalloka 1-monti.

Għaldaqstant, anke dan is-sitt aggravju għandu jiġi respint.

Konsegwentement, l-appell odjern għandu jiġi respint bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

Ra d-deċiżjoni preċedenti ta' dan il-Bord tal-11 ta' Dicembru 2018.

Ra illi l-appellanti appellaw mis-sentenza tal-Bord;

Ra s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fejn il-Qorti laqgħet l-ewwel aggravju u ħassret biss dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Bord li biha ċaħad l-ewwel, it-tieni, il-ħames u sitt ilment kif spjegati fl-ittra tas-7 ta' Settembru, 2017. Iddikjarat li fir-rigward ta' dawk l-ilmenti l-partijiet għadhom fl-istess posizzjoni li kienu qabel id-deċiżjoni tal-11 ta' Diċembru, 2018; cahdet it-tieni u r-raba' aggravju tal-appell; u b'referenza għat-tielet, ħames u sitt aggravju tal-appell, iddikjarat li m'hemmx ħtieġa li tippronunzja ruħha fil-meritu ġialadarba ntlaqa' l-ewwel aggravju u hassret dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Bord li ċaħdet l-ewwel, it-tieni, il-ħames u s-sitt ilmenti u għal kull buon fini kkonfermat dak li ddeċieda l-Bord b'referenza għat-tielet u raba' ilment tal-ittra tas-7 ta' Settembru, 2017.

Ra li l-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) tenniet is-segwenti fis-sentenza taghha:

"Madankollu, hu wkoll rilevanti li fl-ewwel lok jiġi determinat mill-Bord jekk l-ilment tal-appellanti jaqax taħt regolament 36 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07, li hu r-regolament li nvokaw l-appellanti fir-rikors tal-appell (ara l-ewwel paġna tal-ittra tas-7 ta' Settembru, 2017)"

u

"Pero' fl-ewwel lok il-Bord tal-Appelli dwar Liċenzjar għandu jikkunsidra u jiddeċiedi dwar jekk għandux il-kompetenza li jiddeċiedi l-ilment numru sitta (6) tal-ittra tas-7 ta' Settembru, 2017. Skont artikolu 6 tal-Kap. 441, il-kompetenza tal-Bord hi limitata għal dawk id-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu skont id-dispozizzjoni tal-Att prinċipali u r-regolamenti li jsiru taħtu. Għaldaqstant, il-Bord irid jiddetermina, wara li jkun ta lill-partijiet l-opportunita' li jagħmlu sottomissjonijiet, jekk għandux kompetenza li jiddeċiedi dwar l-ilment relatat mal-armar tal-festi."

Ra d-deċiżjoni preċedenti ta' dan il-Bord tas-6 ta' Novembru 2019.

Ra li dawn il-proċeduri sussegwentement ġew differiti għall-kontinwazzjoni biex tiġi trattata l-preġudizzjali tat-tardivita' o meno ta' l-appell kif sollevata mill-Kunsill appellat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2019 u, jekk ikun il-każ, għad-deċiżjoni fuq l-aggravji rimanenti numru wieħed, tnejn u ħamsa.

**Dwar il-preġudizzjali tat-tardivita' o meno ta' l-appell**

Illi minn eżami ta' l-atti proċedurali jirriżulta illi l-appell quddiem dan il-Bord huwa datat 7 ta' Settembru 2017 u tali appell jilmenta dwar u jressaq aggravji minn deċiżjoni tat-22 ta' Awwissu 2017 dwar allokazzjoni ta' posti ġewwa Victoria, Għawdex, lill-bejjiegħa tal-monti appellanti.

Illi l-Kunsill Lokali mhux qed jaqbel fuq id-data tad-deċiżjoni u qed jissottometti illi d-deċiżjoni ewlenija hija dik tad-9 ta' Awwissu 2017 fejn l-appellanti ġew infurmati illi kellhom jibdew jarmaw ġewwa Pjazza Savina flok il-post oriġinali. Pero' qed jargumenta illi fi kwlunkwe każ, mid-9 ta' Awwissu 2017 jew mit-22 ta' Awwissu 2017 xorta laħaq iddekorra t-terminu ta' l-appell.

Illi t-terminu ta' appell jemerġi mill-artikolu 36(2) tal-Liġi Sussidjarja 441.07 li jgħid hekk:

"Ir-rikors tal-appell kontra s-Sezzjoni jew il-Kunsill Lokali għandu jiġi ppreżentat għand is-Segretarju tal-Bord fi żmien għaxart ijiem (10) tax-xogħol mid-data meta l-applikant jew persuna oħra jkunu ġew avżati mis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ kif hawn fir-regolament 13."

Illi ma jirriżultax meta l-appell effettivament wasal għand is-Segretarja tal-Bord anke għaliex l-appell jidher li oriġinarjament kien mibgħut lill-Bord ta' l-Appelli dwar il-Liċenzjar, c/o Direttur (Servizzi tal-Kummerċ), Lascaris Bastions, Valletta u minn hemm sussegwentement intbagħat lis-Segetarja ta' dan il-Bord. Il-Bord iħoss illi dan l-appell ma jikkonċernax il-komunikazzjoni li saret fid-9 ta' Awwissu 2017 għaliex din sempliċment infurmat illi l-monti ser jiġi spustat. Jidher li huwa fit-22 ta' Awwissu 2017 illi l-appellanti ġew infurmati dwar l-allokazzjoni tal-posti. Bħala fatt biss jekk wieħed iqis id-data li tidher fuq l-ittra ta' appell u t-22 ta' Awwissu 2017 hemm trapass ta' tnax-il (12) ġurnata tax-xogħol.

Illi l-appellanti ssottomettew illi biex tali eċċezzjoni ta' tardivita' tirnexxi kellha titqajjem formalment mill-Kunsill appellat u kellha titqajjem *in*

*limine litis.* Ladarba tqajjmet biss f'nota ta' sottomissjonijiet fi stadju daqstant inoltrat tal-proċeduri allura l-Bord għandu jiddeċiedi illi din l-eċċezzjoni ġiet rinunzjata.

Illi hawnhekk wieħed pero' jrid jagħmel distinzjoni, kif wara kollox tagħmel il-ġurisprudenza, bejn eċċezzjonijiet, kemm dawk dilatorji u kif ukoll dawk li jolqtu l-mertu minn banda waħda, u t-termini proċedurali li l-liġi timponi għall-prezentata ta' atti ġudizzjarji mill-banda l-oħra. Għal dak li jirrigwarda eċċezzjonijiet, dawn iridu jiġu avvanzati fil-bidu tal-proċeduri u jridu jitqajjmu formalment fir-risposta jew fir-risposta ġuramentata skont il-każ, ħlief għal dawk l-eċċezzjonijiet li jistgħu jingħataw f'kull stadju tal-proċeduri bħal f'każ ta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Dawk l-eċċezzjonijiet li ma jingħatawx *in limine litis* jistgħu jingħataw fi stadju ulterjuri tal-proċeduri biss jekk il-Qorti tara li fiċ-ċirkostanzi dawn ma setgħux jingħataw fi stadju bikri, ovvjament salv għall-eċċezzjonijiet bħall-preskrizzjoni li tista' tingħata f'kull stadju tal-proċeduri.

Illi pero' għal dak li jirrigwarda termini legali ta' proċedura l-ġurisprudenza tgħallem li dawn huma termini ta' ordni pubbliku u bħala tali, ma jistgħux jiġu rinunzjati mill-partijiet u l-Qorti għandha anke tqajjimhom hi stess *ex ufficio*.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Salina Wharf Marketing Limited vs Malta Tourism Authority***[1] intqal hekk:

"Innegabilment, it-termini ghall-appell minn sentenzi, kemm taht il-ligi ritwali ordinarja, kif ukoll taht il-ligijiet specjali, jiddekorru ghall-fatt materjali tat-trapass taz-zmien. Huma termini perentorji u dwarhom, di regola, ma hemmx possibilita' la ta' proroga, u lanqas ta' sospensjoni jew interruzzjoni, jekk mhux fil-kazijiet eccezzjonalment mil-ligi prevvisti. Ad ezempju, fejn il-gurnata ta' l-iskadenza tat-terminu tahbat nhar ta' Sibt jew il-Hadd jew xi gurnata festiva.

Din in-natura nderogabbli tat-termini processwali ggib b' konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvedimenti sanatorji jew ta' rimessjoni, ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunux imputabbli lill-parti nteressata. Dan ghall-motiv illi dik l-improrogabilita' hi hekk

---
[1] Deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) per Onor. Imħ. Philip Sciberras fit-12 ta' Diċembru, 2007 (Appell Civili Numru. 13/2007).

necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita'. Sewwa hafna gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta illi "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f' ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-**<u>proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula</u>**" ("Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu 1997);" (enfasi miżjud).

Illi l-istess prinċipju ġie applikat fis-sentenza ***Carmelo sive Charles Vella Vs General Workers Union***[2] fejn il-Qorti ta' l-Appell qalet hekk:

"L-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghu jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula. Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' irritwalita' u nullita' tal-proceduri li ghandha, fejn tokkorri u fejn hekk jirrizultaw lilha, tigi wkoll sollevata mill-Qorti ex officio … … In-nullita' tattakka l-att innifsu. Dak l-att li fil-procedura hu null ghandu jitqies daqs li kieku qatt ma kien intavolat quddiem il-Qorti li allura jehtiegilha tiskartah indipendentement mill-mod kif l-irregolarita' tkun giet migjuba a konoxxenza taghha" "Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu, 1997". **<u>"Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority", Appell Inferjuri, 12 ta' Dicembru, 2007.</u>**

Huwa pacifiku illi l-ligijiet ta' procedura "si debbono osservare alla lettera e non per equipollens" (Vol XVIII pI p879). Dan ghaliex il-procedura hi konsiderata ligi ta' ordni pubbliku u in kwantu statwita mil-ligi "ma tistax tigi sostitwita bi procedura ohra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. B'mod li l-eccezzjoni relattiva jekk ma tigix sollevata mill-parti l-ohra, jew tigi rinunzjata, ghandha tigi mill-Qorti sollevata 'ex officio'"(Vol XXXVI pI p204; Vol XLIV pI p421)."

[2] Deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) per Onor. Imħ. Edwina Grima fid-29 ta' April, 2015 (Appell Civili Numru. 27/2012).

Illi għalhekk il-Bord ma jaqbilx illi l-preġudizzjali ta' tardivita' o meno ta' l-appell kellha tiġi mressqa mill-intimat fl-istadju inizzjali u lanqas illi kellha titqajjem permezz ta' eċċezzjoni formali.

Illi per' l-appellanti ġustament jagħmlu referenza għall-emails li ġew skambjati fil-perjodu ta' bejn id-deċiżjoni appellata u l-intavolar ta' l-appell odjern. Permezz ta' nota ta' l-appellanti pprezentata minn Dr. Joseph Ellis fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2020 ġew esebiti numru ta' emails. Fosthom hemm email minn Dr. Georgine Schembri għall-kunsill lokali datata 1 ta' Settembru 2017 fejn insibu "Min-naħa tiegħu huwa (il-kunsill) dispost jilqa' s-suġġerimenti tiegħek billi għalissa jissospendi formalment l-allokazzjoni tal-posti, biex b'hekk fil-frattemp ma jibdiex jiddekorri t-terminu ta' l-appell." Iktar 'il isfel imbagħad insibu "Sussegwentement, il-Kunsill joħroġ ri-allokazzjoni formali tal-posti da parti tiegħu, permezz ta' ittra appożita, u ma' din ir-riallokazzjoni jibda jiddekorri mill-ġdid it-terminu ta' l-appell." L-email tintemm bi stedina, fid-dawl ta' dak propost, biex tiġi ffissata data għal-laqgħa. Imbagħad ġew skambjati emails oħra u fosthom hemm email tas-Sindku Samuel Azzopardi datata 28 ta' Awwissu 2017 li ffissat laqgħa għall-20 ta' Settembru skont l-istess email "sabiex jirratifika ftehim". Jidher illi ftehim ma ntlaħaqx u fil-frattemp l-appellanti għażlu li jipproċedu bl-appell odjern.

Illi ladarba l-Kunsill Lokali kien iddikjara illi qiegħed jissospendi l-effetti tad-deċiżjoni tiegħu nkluż it-terminu ta' l-appell sabiex imbagħad isir ftehim jew tittieħed deċiżjoni oħra l-Bord iħoss illi ma jistax jiddikjara l-appell *fuori termine*, u dan anke fuq skorta ta' sentenza fl-ismijiet *Grezzju Ellul vs Public Broadcasting Services Ltd*[3]. F'din is-sentenza ċitata l-Qorti, f'ċirkostanzi simili fejn kien hemm taħdidiet bejn il-partijiet, qalet hekk:

"Jikkonsegwi illi ankorke l-ksur sehh f'data determinata, kien hemm il-kawza ta' sospensjoni kostitwita mit-tentattiv ta' konciljazzjoni u dan, fil-hsieb ponderat ta' din il-Qorti, kellu jgib dilazzjoni fid-data tad-dekorrenza tat-terminu dekadenzjali statutorju ghall-proponiment tal-vertenza tal-ksur allegat quddiem it-Tribunal. Dan ghall-motiv illi kien

[3] Deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) per Onor. Philip Sciberras fit-28 ta' Jannar 2008 (App. Ċiv. Nru. 21/2007).

biss fl-eghluq tal-fazi konciljatorja illi l-appellanti seta' ragonevolment u legittimament jipproponi t-talba gudizzjali tieghu."

Illi għalhekk il-preġudizzjali sollevata tad-tardivita' qed tiġi miċħuda.

**Aggravju numru tnejn u ħamsa**

Illi l-Bord sejjer jiddeċiedi dawn iż-żewġ aggravji flimkien peress illi t-tieni aggravju, dwar l-allegata nuqqas ta' konsiderazzjoni min-naħa tal-kunsill dwar it-traffiku u l-pompa tal-petrol, u l-ħames aggravju, dwar il-mod kif ġew allokati l-posti ma tippermettix li l-appellanti jarmaw tined sabiex jilqgħu għall-elementi tan-natura jistgħu jitqiesu bħala aggravju wieħed, u ċioe' m'hemmx post suffiċjenti biex l-appellanti jarmaw il-posti tagħhom b'mod sikur u li jistgħu jaħdmu bil-kumdita'.

Illi permezz ta' deċiżjoni preċedenti dan il-Bord kien ċaħad dawn l-aggravji peress illi kien jemmen illi jekk jilqa' tali aggravji jkun qiegħed jissindika mhux biss il-Kunsill intimat pero' anke Transport Malta peress illi dak mitlub mill-appellanti kien ser jaffettwa anke l-passaġġ tat-traffiku. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell pero' ma qabiltx ma' dan il-Bord u rrevokat dik il-parti tad-deċiżjoni fejn dawn iż-żewġ aggravji ġew miċħuda.

Illi għalhekk in vista' ta' dik id-deċiżjoni l-Bord huwa marbut li jeżamina dawn l-aggravji u jara d-deċiżjoni f'dan ir-rigward kienx fiha element ta' irraġonevolezza jew nuqqas ta' proporzjonalità[4].

Illi l-Bord, apparti li ra l-pjanti eżebiti, żamm ukoll aċċess u kellu ampja opportunita' jara fuq il-post kif kienu ser jintremaw il-posti u minfejn kien ser jgħaddi t-traffiku. Kien evidenti li minħabba n-nuqqas ta' spazju t-traffiku kien ser jgħaddi viċin ħafna ta' uħud mill-posti. Kien għalhekk illi l-Bord kien issuġġerixxa fid-deċiżjoni tiegħu ta' Dicembru 2018 li l-partijiet jaslu fi ftehim biex il-post allokat għall-monti jikber lejn il-pompa tal-petrol. Il-Bord għalhekk iħoss illi għandu jordna li jsir dak li l-Bord kien issuġġerixxa.'

Wara dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Bord ghadda ghad-decizjoni tieghu kif gia suespost.

[4] Artiklu 6(2)(d) tal-Kap. 441.

3. Il-Kunsill appellant appella minn din id-decizjoni permezz ta' rikors datat 29 ta' Ottubru, 2020 fejn ressaq principalment tliet aggravji, l-ewwel wiehed fis-sens li l-Kunsill ma qabilx ma' dik il-parti tad-decizjoni fejn cahad l-eccezzjoni ta' tardivita' tal-appell, it-tieni aggravju huwa dwar l-opposizzjoni tal-Kunsill ghall-arrangament tat-traffiku mpost mill-Bord fil-hinijiet tal-armar tal-monti u t-tielet wiehed huwa dwar residenti li jghixu madwar l-ambjent tal-monti li ma gewx ikkunsidrati qabel ma nghatat id-decizjoni tal-Bord kif appellata. Il-Kunsill appellant ghalhekk talab li din il-Qorti:

'joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Bord tal-Appelli Dwar il-Licenzjar fis-6 ta' Ottubru 2020 limitatament in kwantu cahad il-pregudizzjali tat-tardivita' u laqa' limitatament it-tieni u l-hames aggravji tal-appellanti; bl-ispejjez kollha kontra l-istess appellant bejjiegha tal-monti.'

4. Rat li l-appellati bejjiegha tal-monti laqghu ghall-appell permezz ta' risposta kif ukoll permezz ta' appell incidentali datati 23 ta' Novembru, 2020.

Rat illi permezz tar-risposta taghhom l-appellati sostnew li l-ewwel aggravju mhux gjustifikat stante li skont huma d-decizjoni li l-appell ma kienx tardiv kienet wahda gusta ghalkemm mhux neccessarjament ghar-ragunijiet it-tajba.

Dwar it-tieni aggravju jsostnu li dan ghandu jigi michud stante li ma hemmx l-impossibilita' li qed isostni l-Kunsill sabiex jigi mwettaq dak ordnat izda l-istess appellati jsostnu li huma wkoll ma jaqblux mal-

konkluzjoni tal-Bord w'ghalhekk interponew l-appell incidentali.

Dwar it-tielet aggravju l-appellati jsostnu li mhux kompitu tal-Kunsill li jirraprezenta r-residenti u li fi kwalunkwe kaz ir-residenti ser jiehdu pjacir li ghal certu hinijiet ma jghaddix traffiku minn quddiemhom. Izidu li skont il-Ligi sussidjarja LS 441.04 xejn ma jzomm lil tal-monti milli jarmaw quddiem residenzi.

5. Illi permezz tal-appell incidentali taghhom il-bejjiegha tal-monti jressqu principalment zewg aggravji u jsostnu kif isegwi:

'li filwaqt li huma sodisfatti b'dik il-parti tas-sentenza tal-Bord tal-Appelli dwar Licenzjar tas-6 ta' Ottubru 2020 fejn cahdet il-pregudizzjali tat-tardivita' tal-appell, u b'dik il-parti fejn laqghet limitament it-tieni u l-hames aggravji tal-esponenti, xorta jhossuhom aggravati bid-decizjoni ta' l-Onorabbli Bord illi ma qabilx illi l-pregudizzjali ta' tardivita' kellha tigi mqajma mill-Kunsill Lokali Victoria a limine litis u permezz ta' eccezzjoni formali kif ukoll bil-mod kif il-Bord irriforma id-decizjoni tal-Kunsill Lokali, anke jekk ghal ragunijiet opposti moghtija mill-Kunsill Lokali Victoria . . .'

Talbu ghalhekk illi din il-Qorti:

'i) tirriforma dik il-parti tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli Dwar il-licenzjar tas-6 ta' Ottubru 2020 fejn iddikjarat l-eccezzjoni tal-Bord ta' l-Appelli Dwar il-Licenzjar tas-6 ta Ottubru 2020 fejn iddikjarat l-eccezzjoni tal-Kunsill Lokali Victoria dwar it-tardivita' tal-appell originali tal-esponenti bhala ammissibbli u tiddikjara li tali eccezzjoni ma setghetx tinghata bil-mod u meta nghatat ghar-ragunijiet imsemmija u

ii) thassar dik il-parti tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli Dwar il-Licenzjar tas-6 ta' Ottubru 2020 fejn din irriformat id-decizjoni tal-Kunsill Lokali *'billi jordna illi, fil-granet meta jopera l-monti biss, iz-zona ndikata ghall-monti ta' bejn il-Knisja ta' Savina u Triq Mons Luigi Vella ghandha tigi estiza u tinkludi dik il-parti l-ohra tal-Pjazza u cioe' sa vicin il-pompa tal-petrol, pero' bl-eskluzjoni ta' Triq Adrian Dingli, u bl-eskluzjoni wkoll ta' zona zghira biex vetturi minn Triq Adrian Dingli ikollhom access ghall-pompa tal-petrol. Ordna wkoll illi fil-granet meta jarma l-monti, ghalkemm it-traffiku ta' Triq Adrian Dingli m'ghandux jigi affettwat ma jithalliex jghaddi traffiku minn Triq Mons Luigi Vella lejn Triq Adrian Dingli tramite Pjazza Savina."* u tibghat il-kwistjoni lura lill-Kunsill Lokali ta' Victoria sabiex jiddeciedi mill-gdid skont il-ligi u ma jhalliex traffiku jghaddi kemm minn Triq Sir Adrian Dingli fid-direzzjoni ta' triq Sant'Orsola u triq Santa Marija u min triq Mons. Luigi Vella lejn l-istess pjazza Savina;

iii) Alternattivament, thassar l-istess parti tas-sentenza sopracitata u minflok tordna illi fil-granet u hinijiet meta jopera l-monti biss, Pjazza Savina ghandha tkun kollha maghluqa ghat-traffiku, filwaqt li tikkonfermaha fil-kumplament.

6. Rat ir-risposta tal-Kunsill Lokali ta' Victoria ghall-appell incidentali datata 29 ta' Dicembru, 2020 fejn sostna li l-Bord kien korrett meta ddikjara ammissibli l-eccezzjoni tat-tardivita' ghalkemm jibqa' jsostni li ma kienx korrett meta cahad l-istess. Dwar it-tieni aggravju jsostnu li l-bejjiegha tal-monti qed jikkontradixxu lilhom infushom fejn l-ewwel jghidu li l-Bord ma ghandux is-setgha li jalloka l-posti hu filwaqt li min-naha l-ohra qed jitolbu li din il-Qorti tezercita wkoll din is-setgha. Jinsisti li la l-Bord u wisq anqas din il-Qorti ma ghandhomx is-setgha li jaghtu

ordnijiet dwar fejn ghandhom ikunu l-posti u liema toroq ghandhom jinghalqu u dan ai termini tal-artikolu 6 (4) tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta. Isostni li l-Qorti ghandha tichad it-talba li tordna li Pjazza Savina tinghalaq kollha ghat-traffiku meta jopera l-monti, stante li din tmur oltre s-setghat tal-Bord. Ghandha tichad ukoll it-talba li tordna li d-decizjoni dwar l-allokazzjoni tal-posti fi Pjazza Savina tigi rriferuta lura lill-Kunsill esponenti biex jerga' jiddeciedi, stante li l-allokazzjoni tal-posti li saret mill-Kunsill u li giet approvata minn Transport Malta, hija konformi mar-regolament numru 5 (12) ta' L.S. 441.04.

7. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni estensiva tal-konsulenti legali tal-partijiet fis-seduta tat-13 ta' Jannar, 2021 u ddifferiet l-appell ghal-lum ghad-decizjoni. Rat l-atti tal-appell kif ukoll l-atti annessi tal-process kollu quddiem il-Bord. Rat ukoll li d-decizjoni esebita fl-atti mhix dik appellata izda hija wahda precedenti. Rat izda li kopja tad-decizjoni appellata hija annessa mal-atti tal-Bord.

8. Illi fil-qosor, apparti l-fatti gia suesposti fid-decizjoni tal-Bord suriferita, jirrizulta li dan il-kaz jitratta numru ta' persuni li ghandhom il-licenzja bhala 'fixed hawkers' u li ghal bosta snin kienu jarmaw u jbieghu mill-monti fi 'Pjazza Indipendenza' maghrufa wkoll bhala t-Tokk fir-Rabat, Ghawdex. Din il-Qorti taf anki minn proceduri precedenti *ta' natura prima facie* li tressqu quddiemha u li anki giet prezentata dokumentazzjoni dwarhom fl-atti odjerni, li f'mument minnhom il-Kunsill Lokali tar-Rabat ha d-decizjoni li jitrasferixxi l-monti minn Pjazza Indipendenza ghall-Pjazza Savina. Il-Bejjiegha tal-Monti jsostnu li din id-decizjoni saret minghajr ebda konsultazzjoni maghhom u dan

allegatament bi ksur tal-ligijiet vigenti sa Dicembru 2016. Isostnu li t-trasferiment sfurzat taghhom minn Pjazza Indipendenza ghall-Pjazza Savina sar fuq talba tal-istess Kunsill Lokali tar-Rabat bil-promulgazzjoni tal-Avviz Legali 420 tas-sena 2016 kif sussegwentement emendat bl-Avviz Legali 177 tas-sena 2017 illum maghrufa bhala Ligi Sussidjarja 441.07, Regolamenti dwar il-Licenzji tal-Kummerc. Konsegwentement ghad-decizjoni tal-Kunsill, il-bejjiegha tal-monti ntavolaw appell quddiem il-Bord ta' Appelli dwar il-Licenzjar datat 7 ta' Settembru 2017.

9. Illi ma hemmx dubju li l-ewwel aggravji li jridu jigu decizi minn din il-Qorti, kemm mill-appell promotur kif ukoll mill-appell incidentali, huma dawk relatati mat-tardivita' tal-appell:

a) fl-ewwel lok l-ammissibilita' tal-eccezzjoni tal-*fuori termine* li tqajmet mill-Kunsill fi stadju ta' noti ta' sottomissjonijiet quddiem il-Bord u

b) jekk ammissibbli fit-tieni lok jekk din hix gjustifikata jew le skont il-fatti tal-appell odjern.

**a) L-ammissibilita' tal-eccezzjoni tal-*fuori termine*:**

Illi fid-decizjoni appellata l-Bord wara referenza lejn bosta gurisprudenza qies li l-eccezzjoni tal-*fuori termine* kienet ammissibbli ghalkemm tqajjmet fi stadju avvanzat tal-proceduri izda cahad l-istess eccezzjoni stante li qies li t-terminu tal-appell da parti tal-bejjiegha tal-Monti kellu jitqies bhala sospiz pendenti trattattivi u komunikazzjonijiet bejn il-partijiet fejn fost affarijiet ohra kien qed jinghad li t-terminu tal-appell jekk ikun hemm ftehim li l-partijiet ipoggu bilqieghda jiddiskutu jigi sospiz.

Illi l-ewwel aggravju fl-appell incidentali mqajjem mill-bejjiegha tal-monti huwa li l-Bord ma kellu qatt jammetti l-eccezzjoni tat-tardivita' fil-prezentata tal-appell u jinsistu li din l-eccezzjoni kellha tigi avvanzata skont il-ligi fil-bidu tal-proceduri u kellha titqajjem formalment fir-risposta u jzidu li fin-nuqqas il-Kunsill kellu jigi meqjus li rrinunzja ghall-istess. Il-bejjiegha appellanti f'dan ir-rigward jaghmlu referenza ghal dak li jiddetta l-artikolu 728 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u jsostnu li dan l-artikolu huwa car li din l-eccezzjoni ghandha tinghata fir-risposta. Isostnu wkoll li abbazi ta' bosta gurisprudenza l-artikolu 728 tal-Kap. 12 japplika wkoll ghall-proceduri bhal dawk odjerni. L-appellanti jkomplu li ghalhekk din l-eccezzjoni qatt ma setghet titqajjem mill-Kunsill f'nota ta' sottomissjonijiet wara li kienu gia nghataw zewg decizjonijiet ohra fil-kaz odjern mill-Bord u dan minghajr lanqas ma ntalbet l-awtorizzazzjoni tal-Bord sabiex jaghmel hekk. Izidu li eccezzjoni bhal din li testingwi l-azzjoni ghandha titqajjem bl-istess mod li ghandhom jitqajjmu eccezzjonjiet perentorji ohra u cioe' fil-bidu tal-azzjoni b'mod formali u mhux kif ghamel il-Kunsill.

Da parti tieghu l-Kunsill isostni li l-artikolu 728 tal-Kap. 12 jeskludi specifikatament l-applikazzjoni tieghu ghal rikors tal-appell li mhumiex bil-gurament u jinsisti li l-kliem 'bil-gurament' iddahhal permezz ta' Avviz Legali bin-numru 181 tas-sena 2006 bl-ghan specifiku li jeskludi rikorsi ohra mhux bil-gurament. Il-Kunsill jaghmel referenza ghall-gurisprudenza kkwotata mill-bejjiegha appellanti f'dan l-aggravju u jsostni li l-emenda kienet ghadha ma dahlitx meta nghataw dawk id-decizjonijiet. Il-Kunsill jaghmel ukoll referenza ghall-artikolu 732 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra kif isegwi:

'732. (1) Bla hsara dejjem tad-dispozizzjonijiet ta' dan il-Kodici dwar il-produzzjoni tal-provi, l-eccezzjonijiet perentorji jistghu jinghataw ukoll fil-qorti fi grad ta' appell ghalkemm ma jkunux gew moghtija fil-qorti tal-ewwel grad.'

Il-Kunsill jissottometti li din l-eccezzjoni li tirrigwarda t-terminu hija wahda perentorja u ta' ordni pubbliku w'ghalhekk setghet titqajjem fi kwalunkwe stadju. Isostni ghalhekk li l-Bord kien korrett fejn iddecieda li ghal dak li jirrigwarda termini legali ta' procedura, il-gurisprudenza tghallem li dawn huma termini ta' ordni pubbliku u bhala tali, ma jistghux jigu rinzunjati mill-partijiet u l-Qorti ghandha anke tqajjimhom hi stess, *ex officio*.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **San Martin Estates Ltd. vs. Maria Gauci** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Jannar, 2011 fejn gie deciz kif isegwi:

'Fil-kawza ricenti fl-ismijiet **Zwack-Wandrey v. In-Sight Ltd**, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fis-6 ta' Ottubru 2010, gie traccjat dan il-hsieb dwar it-termini ghall-appell: "Is-socjeta' intimata opponiet dan l-appell bis-sottomissjoni illi l-istess hu rritwali in kwantu fuori termine. Dan apparti li kkontestat ukoll il-mertu tieghu;

"Fuq din il-pregudizzjali jibda biex jigi registrat illi huwa fil-generalita' tar-riti processwali taht id-diversi ligijiet u ghal liema hu konsentit appell, illi t-termini fihom preskritti ghall-appell jinkwadraw ruhhom fl-istitut tad-dekadenza. Dan huwa hekk ghas-semplici fatt materjali u oggettiv tad-dekorrenza taz-zmien. Ara "**Caterina Tabone –vs- Nobbli Gio Carlo Mallia et"**, Appell Civili, 3 ta' Ottubru, 1927;

"Il-kwestjoni hawnhekk sollevata giet proprju minn din il-Qorti diversi drabi ezaminata. Hekk inghad illi t-termini ghall-appell minn sentenzi "huma termini perentorji u dwarhom, di regola, ma hemmx possibilita' la

ta' proroga, u lanqas ta' sospensjoni jew interuzzjoni, jekk mhux fil-kazijiet eccezzjonalment mil-ligi prevvisti. Ad ezempju, fejn il-gurnata ta' l-iskadenza tat-terminu tahbat nhar ta' Sibt jew il-Hadd jew xi gurnata festiva. Din in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvedimenti sanatorji jew ta' rimessjoni, ankorke d-dekors inutili taghhom ma jkunx imputabbli lill-parti nteressata. Dan ghall-motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarju ghal raguni ta' certezza u, ukoll, ta' uniformita'. Sewwa hafna gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta illi «l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula» ("Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu, 1997)". Ara "Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority", Appell Inferjuri, 12 ta' Dicembru, 2007." (Sottolinear ta' din il-Qorti)

(ara wkoll Dhaidi v. Bortex Clothing Industry Co. Ltd, deciza mill-istess Qorti fit-23 ta' Ottubru 2009, fejn intqal li t-terminu stabbilit hu wiehed fatali u ma jistax jigi sanat b'xi re-integranda u "of course the fact that the delay was only of one day cannot, unfortunately for the appellant, help him").'

Illi in linea mal-gurisprudenza suesposta, jirrizulta ghalhekk li l-eccezzjoni tal-*fuori termine* hija meqjusa bhala wahda ta' ordni pubbliku u perentorja b'dana li huwa minnu li fit-termini tal-artikolu 732 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta din tista' titqajjem fi kwalunkwe stadju tal-proceduri anki fi stadju ta' appell. Ghaldaqstant jirrizulta li l-Bord fid-decizjoni appellata kien korrett fejn ammetta l-eccezzjoni tal-*fuori termine* mqajjma mill-Kunsill. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel aggravju fl-appell incidentali.

**b) Jekk l-eccezzjoni tar-res judicata hix gjustifikata jew le:**

Isegwi ghalhekk li jmiss li jigi deciz jekk id-decizjoni tal-Bord li jichad l-eccezzjoni tal-*fuori termine* kinitx wahda gjustifikata fil-ligi jew le. Illi f'dan ir-rigward fid-decizjoni appellata l-Bord fl-ewwel lok ikkonkluda li d-decizjoni li kien qed issir appell minnha kellha titqies li giet notifikata lill-bejjiegha nhar it-22 ta' Awissu, 2017. Ra wkoll li l-appell gie ntavolat permezz ta' ittra datata 7 ta' Settembru, 2017 w'ghalhekk kienu ghaddew aktar minn ghaxart'ijiem tax-xoghol li timponi l-ligi ghall-intavolar tal-appell aktar specifikatament kienu ddekorrew tnax-il jum tax-xoghol. Wara li ghamel dawn il-kostatazzjonijiet ghadda sabiex jiddeciedi kif isegwi:

'Illi pero' l-appellanti ġustament jagħmlu referenza għall-emails li ġew skambjati fil-perjodu ta' bejn id-deċiżjoni appellata u l-intavolar ta' l-appell odjern. Permezz ta' nota ta' l-appellanti pprezentata minn Dr. Joseph Ellis fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2020 ġew esebiti numru ta' emails. Fosthom hemm email minn Dr. Georgine Schembri għall-kunsill lokali datata 1 ta' Settembru 2017 fejn insibu "Min-naħa tiegħu huwa (il-kunsill) dispost jilqa' s-suġġerimenti tiegħek billi għalissa jissospendi formalment l-allokazzjoni tal-posti, biex b'hekk fil-frattemp ma jibdiex jiddekorri t-terminu ta' l-appell." Iktar 'il isfel imbagħad insibu "Sussegwentement, il-Kunsill joħroġ ri-allokazzjoni formali tal-posti da parti tiegħu, permezz ta' ittra appożita, u ma' din ir-riallokazzjoni jibda jiddekorri mill-ġdid it-terminu ta' l-appell." L-email tintemm bi stedina, fid-dawl ta' dak propost, biex tiġi ffissata data għal-laqgħa. Imbagħad ġew skambjati emails oħra u fosthom hemm email tas-Sindku Samuel Azzopardi datata 28 ta' Awwissu 2017 li ffissat laqgħa għall-20 ta' Settembru skont l-istess email "sabiex jirratifika ftehim". Jidher illi ftehim ma ntlaħaqx u fil-frattemp l-appellanti għażlu li jipproċedu bl-appell odjern.

Illi ladarba l-Kunsill Lokali kien iddikjara illi qiegħed jissospendi l-effetti tad-deċiżjoni tiegħu nkluż it-terminu ta' l-appell sabiex imbagħad isir ftehim jew tittieħed deċiżjoni oħra l-Bord iħoss illi ma jistax jiddikjara l-

appell *fuori termine*, u dan anke fuq skorta ta' sentenza fl-ismijiet *Grezzju Ellul vs Public Broadcasting Services Ltd*[5]. F'din is-sentenza ċitata l-Qorti, f'ċirkostanzi simili fejn kien hemm taħdidiet bejn il-partijiet, qalet hekk:

"Jikkonsegwi illi ankorke l-ksur sehh f' data determinata, kien hemm il-kawza ta' sospensjoni kostitwita mit-tentattiv ta' konciljazzjoni u dan, fil-hsieb ponderat ta' din il-Qorti, kellu jgib dilazzjoni fid-data tad-dekorrenza tat-terminu dekadenzjali statutorju ghall-proponiment tal-vertenza tal-ksur allegat quddiem it-Tribunal. Dan ghall-motiv illi kien biss fl-eghluq tal-fazi konciljatorja illi l-appellanti seta' ragonevolment u legittimament jipproponi t-talba gudizzjali tieghu."

Illi għalhekk il-preġudizzjali sollevata tad-tardivita' qed tiġi miċħuda.'

Illi din il-Qorti b'referenza ghall-gurisprudenza hawn fuq ikkwotata ma tistax legalment taqbel ma' dak deciz mill-Bord. Fil-fatt l-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-decizjoni suesposta kienet cara u inekwivoka fejn sostniet li termini perentorji ta' ordni pubbliku bhala ma hu terminu ta' appell ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati jew rinunzjati mill-partijiet bil-kunsens taghhom jew b'xi mod mibdula. Il-Bord ghalkemm fid-decizjoni tieghu b'referenza ghall-gurisprudenza l-ewwel isostni li t-terminu tal-appell huwa nderogabbli, li t-termini ma jistghux jigu rinunzjati jew mibdula u li t-termini jridu jigu osservati 'alla lettera' konsegwentement fl-istess decizjoni jikkontradixxi l-istess insenjamenti u qies li t-terminu tal-appell kien gie sospiz mill-Kunsill! Skont il-Bord, permezz tal-agir tieghu l-Kunsill issospenda t-terminu tal-appell izda din il-Qorti tqis li legalment dan qatt ma seta' jaghmlu. In oltre, il-Bord sostna li l-bejjiegha tal-monti pendenti d-diskussjonijiet ma setghux ragonevolment jintavolaw l-

[5] Deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) per Onor. Philip Sciberras fit-28 ta' Jannar 2008 (App. Ċiv. Nru. 21/2007).

appell. Dan mhux minnu stante li l-bejjiegha kienu gew effettivament notifikati bid-decizjoni tal-Kunsill nhar it-22 ta' Awissu, 2017 u dik kienet il-bazi tal-appell taghhom tant li fis-7 ta' Settembru, 2017 ipprezentaw appell mill-istess decizjoni. Kien allura nuqqas da parti tal-appellanti bejjiegha tal-monti li pendenti d-diskussjonijiet ma hadux hsieb li jikkawtelaw id-drittijiet taghhom billi jintavolaw l-appell fit-terminu mpost fuqhom mil-ligi, diskussjonijiet pendenti o meno. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju mqajjem mill-Kunsill appellat huwa gjustifikat u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

Illi la darba din il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-Kunsill appellant bil-konsegwenza li l-appell intavolat quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar il-Licenzjar qed jigi deciz li kien intavolat *fuori termine* u bhala konsegwenza null, ma hemmx lok li l-Qorti tinoltra ruhha oltre fl-aggravji rimanenti kemm tal-appell promutur tal-Kunsill kif ukoll tal-Appell Incidentali.

Illi filwaqt li l-Qorti hija obbligata li tapplika d-dettami tal-ligi u jkollha twaqqaf il-proceduri f'dan l-istadju, xejn ma jzomm lill-partijiet sabiex b'sens civiku u buona fidi jpoggu madwar mejda u bl-ghajnuna wkoll tal-periti rispettivi, jiopruvaw jaslu ghal arrangament gust fl-ahjar interess ta' kulhadd u tac-centru storiku tar-Rabat Ghawdex. Jekk hemm bzonn ukoll bis-sehem u bl-awtorizzazzjoni tal-awtoritajiet tat-trasport. Jekk mhux ser isir hekk din il-Qorti wisq tibza' li s-saga ta' kawzi bejn il-partijiet ser tibqa' tkarkar ghal ferm aktar snin.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex tiddeciedi l-appell u l-appell-incidentali kif isegwi:

1. Tichad l-ewwel aggravju tal-appell incidentali;

2. Tilqa' l-ewwel aggravju tal-Kunsill Lokali appellant u tiddikjara li l-appell intavolat da parti tar-rikorrenti appellati Mary Cassar et. quddiem il-Bord ta' l-Appell Dwar il-Licenzjar datat 7 ta' Settembru, 2017 gie ntavolat tardivament w'ghalhekk *fuori termine* u *per conseguenza* tiddikjarah null u invalidu fil-ligi.

Stante li l-eccezzjoni tal-*fuori termine* giet imqajjma mill-Kunsill fi stadju ferm inoltrat tal-proceduri filwaqt li ma tirrizulta l-ebda raguni ghalfejn din ma tqajjmitx qabel, il-Qorti tqis li l-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

L-ispejjez tal-proceduri precedenti jibqghu kif gia decizi.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri

Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb

Deputat Registratur

Vera kopja

D/Registratur